II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 419/2011

**tad-29 ta' April 2011**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 tat-12 ta' April 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11a(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' April 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 560/2005.

(2) Fid-dawl tal-iżviluppi fil-Côte d'Ivoire, il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 560/2005 għandha tiġi emendata,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jithassru mil-lista li tinsab fl-Anness IA għar-Regolament (KE) Nru 560/2005.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
MARTONYI J.

([1]) ĠU L 95, 14.4.2005, p. 1 (Verżjoni MT: ĠU L 159M, 13.6.2006, p. 347).

*ANNESS*

**ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1**

| | |
|---|---|
| 1. | PETROCI (Soċjetà Nazzjonali tal-Operazzjonijiet Petroliferi tal-Côte d'Ivoire) |
| 2. | BNI (Bank Nazzjonali tal-Investiment) |
| 3. | BFA (Bank għall-Finanzjament tal-Agrikoltura) |
| 4. | Bank Versus |
| 5. | Caisse d'Epargne de Côte d'Ivoire |
| 6. | Banque de l'Habitat de Côte d'Ivoire (BHCI) |